Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 9/2015AE

**Edwina Bonello u Maria Therese Borg Caruana**

**Vs**

**SMS Mondial Ltd**

It-Tnejn, 21 ta' Marzu 2016.

L-atturi ppezentaw avviz fit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fejn talbu illi r-rifuzjoni tas-somma ta' disa' mitt Euro (€900.00), parti minn somma akbar imhallsa lill-kumpannija intimata ghall-*cruise* fil-Mediterran f'Awissu tal-2014, wara li l-atturi gew michuda jinzlu f'Montecarlo li kienet ghalihom id-destinazzjoni ewlenija ta' dan il-*cruise;*

Il-konvenuta wiegbet illi ma kienx tort taghha illi din l-*excursion* thassret peress illi kienet ordni tal-kaptan illi waqfet it-tragitti mill-vapur ghall-art;

It-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur b'sentenza tas-27 ta' April, 2015 iddecieda - *"It-Tribunal jidhirlu illi t-talba tar-rikorrenti tisthoqq li tkun milqugha u konsegwentament jilqa' l-istess, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta li tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' disa' mitt Euro (€900.00) ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors. Bl-ispejjez kontra lis-socjeta' intimata".*

**<u>Aggravji tas-socjeta appellanti.</u>**

1. It-Tribunal ma kellux gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi l-kaz ghaliex skond it-terms and conditions tal-kuntratt, *"... the Courts of Malta shall enjoy exclusive jurisdiction in relation thereto"*.
2. Is-socjeta konvenuta m'hijiex il-legittimu kontradittur ghaliex l-atturi ffirmaw il-kuntratt mas-socjeta Orange Travel Group Limited.
3. L-excursion giet imhassra fuq ordni tal-Kaptan u s-socjeta appellanti ma kellha l-ebda kontroll fuq tali decizjoni. Jirrizulta li l-ordni nghatat minhabba li kien il-maltemp. It-Tribunal lanqas ma ha in konsiderazzjoni dak li jipprovdu t-*terms and conditions*.
4. Il-kumpens ta' €900 hu eccessiv. L-atturi ma spjegawx kif jippretendu dan il-hlas ghal excursion li kien tiswa €40.

L-atturi wiegbu li:

1. L-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tat-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur hija eccezzjoni dilatorja u, ghalhekk, kellha tigi ssollevata *in limine litis*, haga li l-kumpannija appellanti, Sms Mondial Limited, naqset milli taghmel;

2. M'huwiex minnu li d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur f'dan il-kaz inghatat kontra kumpannija differenti minn dik li attwalment ikkuntrattaw maghha l-atturi appellati. Illi johrog car mill-*Booking Form* li l-attrici appellata kienet ipprenotat il-*cruise* mertu tal-appell odjern, tramite l-kumpannija appellanti, Sms Mondial Limited, u dan ghaliex l-istess *Booking Form* tikkontjeni l-*logo* tal-istess kumpannija kif ukoll l-isem u l-indirizz eletroniku tal-impjegat relattiv ta' l-istess kumpannija li kien ha hsieb il-prenotazzjoni ta' l-attrici appellata;

3. L-attrici appellata ma taqbilx ma' l-argument illi t-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur ghamel applikazzjoni zbaljata tal-ligi applikabbli ghal kaz in kwistjoni u li mar kontra l-principji ta' gustizzja naturali meta skarta prova mressqa mill-kumpannija appellanti, Sms Mondial Limited, cioe' l-*Incident Report.* Illi, fl-ewwel lok, il-kumpannija appellanti jonqosha milli tispecifika liema huma dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li huma allegatament applikabbli ghal kaz in kwistjoni. Illi m'huwiex kontestat il-fatt illi fid-Dritt Marittimu d-decizjoni tal-kaptan hija suprema u finali. Izda dan il-kaz ma jirrigwardax id-decizjoni tal-kaptan. Illi, dan il-kaz jirrigwarda r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet u l-fatt illi l-attrici appellata ma haditx is-servizz li kienet hallset ghalih. Ghalhekk, it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur kien ghamel evalwazzjoni korretta tal-kaz odjern. Illi, fit-tieni lok, l-*Incident Report,* gie allegatament ffirmat mid-direttur tal-kumpannija appellanti, Orange Travel Group Limited, liema persuna ma telatx tixhed taht gurament quddiem it-Tribunal u li lanqas kienet prezenti fisikament fil-post u fil-hin meta gara l-incident mertu tal-kaz odjern. Inoltre', l-isem ta' min allegatament iffirma r-rapport kif ukoll id-data li fiha gie ffirmat ir-rapport ma jidhrux fuq ir-rapport innifsu. Illi dawn in-nuqqasijiet iqajjmu dubji serji fuq ic-cirkostanzi li fihom gie redatt dan ir-rapport u sahansitra fuq l-ammissibilta' tieghu. Ghalhekk, l-attrici appellata ssottomettiet li d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur li ma jiehux konjizzjoni tal-evidenza mressqa mill-kumpannija appellanti f'dan ir-rigward kienet korretta u gusta;

4. L-attrici appellata hija tal-opinjoni li c-cifra ta' erba' mija u hames mitt Ewro (€450) hija wahda ragonevoli u xierqa meta jittiehed kont tal-fatt illi meta sehh l-incident in kwistjoni, l-attrici appellata hassitha mitlufa u spiccat tahli l-hin u l-energija tigri wara l-kumpanniji appellanti, inkluz permezz ta' telefonati internazzjonali, biex isibulha rimedju adegwat, izda dan kien kollu ghalxejn ghaliex l-attrici appellata baqghet sallum minghajr tali rimedju. In oltre', it-*tour leader* in kwistjoni, minflok kien ta' assistenza jew sostenn ghall-attrici appellata, kien irresponsabbli u negligenti fil-konfront taghha. Ghalhekk in vista tas-suespost l-ammont ta' erba' mija u hames mitt Ewro (€450) huwa wiehed gust u dovut u l-aggravji tal-kumpannija appellanti ghandhom jigu michuda.

**Kwistjoni**.

L-atturi xtraw vjagg ghal cruise li kien jinkludi *excursion* f'Monaco. Jirrizulta li din l-excursion kienet thassret. Il-konvenuta ssostni li dak li gara kien minhabba *force majeure*. L-atturi talbu l-hlas ta' €900.

B'sentenza tas-27 ta' April 2015 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, iddecieda:-

*"Illi meta s-socjeta konvenut rreklamat il-cruise bl-excursions partikolari, ghall-prezz partikolari, kienet qed tintrabat illi toffri dak is-servizz ghall-prezz indikat. Bil-hlas ta' dak il-prezz, ir-rikorrenti u s-socjeta konvenuta dahlu f'obbligazzjoni kuntrattwali, fejn ir-rikorrenti kellhom dritt jippretendu illi jinghataw is-servizz kuntrattat. Dan is-servizz ma nghatax fl-intier tieghu, peress illi r-rikorrenti gew mcahhda minn excursion gia' mhallas ghall-aktar post importanti ghalihom, li kien proprju l-highlight tal-vjagg.*

*Illi s-socjeta konvenuta qieghda tallega illi kien ordni ta' kaptan illi dan ma sarx. L-ewwel nett ma saret l-ebda prova ta' dan peress illi d-dokument ezebit CM huwa fotokopja mhux awtentikata, iffirmata minn persuna mhux identifikat u li zgur ma xehedx biex jikkonferma dak li kien hemm miktub. It-tieni nett, ladarba l-hlas sar lis-socjeta konvenuta, kien obbligu taghha illi ladarba r-rikorrenti u zewgha ma thallewx jinzlu l-art, dawna kellhom id-dritt jigu rizarciti ghall-prezz tal-excursion u danni morali.*

*Illi huwa verament pass redikolu, l-ammont ta' erbghin Euro (40.00) ghal kull persuna, offrut mis-socjeta konvenuta bhala kumpens u aktar u aktar dak tal-vapur, illi offrewlhom vista lejn il-bridge tal-kaptan, bhallikieku dawn qatt setghu jaghmlu tajjeb ghall-visita mitlufa lejn Montecarlo.*

*Illi ghal dak li jirrigwarda l-ammont mitlub, it-Tribunal jidhirlu li r-rikorrenti ghamlu talba verament ragonevoli meta llimitawha ghal dan l-excursion u mhux ghall-vjagg kollu, fejn jidher illi ghal bqija tal-vjagg ma kellhomx ilmenti serji. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi t-talba tar-rikorrenti tisthoqq li tkun milqugha u konsegwentement jilqa' l-istess, jikkundanna lis-socjeta konvenuta li tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' disa' mitt Euro (900) ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors. Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata".*

**Aggravji tal-appellanti**.

1. **Gurisdizzjoni** – fl-istadju tal-appell l-atturi argumentaw li t-Tribunal ma kellux gurisdizzjoni ghaliex il-ftehim bejn il-partijiet jipprovdi: *"the relationship between OTG and the passenger shall be governed by Maltese Law and the Courts of Malta shall enjoy exclusive jurisdiction in relation thereto"*. Quddiem it-Tribunal ma nghatat l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens u s-socjeta konvenuta ddefendiet il-kawza fil-meritu. Il-qorti tinnota li:-

   (a) Is-socjeta konvenuta ma tissemmix fit-*terms and conditons* li fuqhom l-appellanti bbazat dan l-aggravju.

   (b) F'kull kaz din l-eccezzjoni ma gietx sollevata quddiem it-Tribunal. M'hemm xejn milli jzomm parti fi ftehim milli tirrinunzja ghal kundizzjoni f'kuntratt. Quddiem it-Tribunal is-socjeta konvenuta llimitat ruhha biex tiddefendi l-kawza fil-meritu. Bl-atteggjament taghha giet li rrinunzjat ghad-dritt li tinvoka l-klawzola li fuqha bbazat dan l-aggravju u rrikonoxxiet il-gurisdizzjoni tat-Tribunal. F'dan il-kuntest hu rilevanti dak li qalet il-Prim'Awla fis-sentenza **George Said nomine vs Joseph Ellul Sullivan**

**et nomine**, tat-3 ta' Ottubru 2003 li kkonfermat li eccezzjoni dwar gurisdizzjoni ghandha tinghata in *limine litis*; *"Dan ghaliex `il-patt li bih tigi prorogata l-gurisdizzjoni jista' jigi rinunzjat minn dak li a favur tieghu l-patt ikun gie stipulat u jekk dik il-persuna konvenuta ma topponix l-eccezzjoni relattiva in limine litis `si ha da ritenere che egli vi abbia rinunziato ed in caso di tale rinunzia rivive la gurisdizione ordinaria e propria (Vol. XXIV.i.1067) ' Charles Debono proprio et nomine vs John Caruana nomine`, Appell Kummercjali, 14 ta`Mejju 1971"*. Insenjament li japplika wkoll ghall-kaz tal-lum gialadarba s-socjeta appellanti liberament ghazlet li quddiem it-Tribunal tiddefendi ruhha billi tidhol fil-meritu minghajr ma tinvoka l-eccezzjoni ta`gurisdizzjoni.

(c) M'hemmx dubju li l-ilment tal-atturi jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal (ara Artikolu 20 tal-Kap. 378).

2. Fir-rigward tal-aggravji l-ohra, peress li l-valur tat-talba tal-atturi hu nqas minn elf u mitejn ewro [€1,200] (ara Artikolu 22(3) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378)), appell jista' jsir biss fuq:-

a) materji relatati mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal.
b) fuq preskrizzjoni.
c) fejn it-Tribunal agixxa kontra r-regoli tal-gustizzja naturali u dan ta lok biex il-jeddijiet tal-appellant gew pregudikati.

L-aggravji numru tnejn, tlieta u erbgha m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kazijiet fejn il-ligi tipprovdi ghal dritt ta' appell. L-appellanti ma tistax tinqeda bl-appell sabiex taghti eccezzjonijiet godda li m`ghandhom x`jaqsmu xejn mal-kazijiet komtemplati fl-Artikolu 22(3) tal-Kap. 378. F'kull kaz, il-qorti tosserva li:-

(a) jirrizulta li l-hlas ghall-*cruise* sar lis-socjeta appellanti (ara atti tal-appelli numru 11/15 u 12/15, decizi wkoll illum). Skond regolament 15(1) tar-Regolamenti dwar Pakkett ta' l-Ivvjaggar, Pakkett Vaganzi: *"L-organizzatur u, jew in-negozjant li jkun parti fil-kuntratt, ikun responsabbli lejn il-konsumatur ghat-twettiq sew ta' kull obbligu taht il-kuntratt, irrispettivament minn jekk dawk l-obbligi ghandhomx jitwettqu mill-organizzatur, min-negozjant, jew mill-provdituri l-ohra tas-servizzi"*. Imbaghad skond regolament 2, *"negozjant tfisser il-persuna li tbiegh jew toffri ghall-bejgh il-pakkett organizzat mill-organizzatur"*. F'dan il-kaz il-pakkett inxtara minghand is-socjeta appellanti.

(b) fir-rigward tat-tielet aggravju, l-appellanti qalet li t-Tribunal ghamel: *"…. Applikazzjoni manifestament zbaljata tal-ligi applikabbli ghal kaz in kwistjoni kif ukoll ivvjola l-principji ta' gustizzja naturali, partikolarment il-principju ta' audi alteram partem meta skarta prova essenzjali mressqa mis-socjeta appellanti"*. Dan mhu xejn ghajr tentattiv imqanzah tas-

socjeta appellanti sabiex tipprova tohloq bazi ta' appell fejn taf li ma jezistix. It-Tribunal ta lill-partijiet l-opportunita kollha biex iressqu l-provi li riedu. Pero' m'hemmx dritt ta' appell fuq punti ta' fatt. It-Tribunal ikkunsidra l-provi li tressqu quddiemu u wasal ghal konkluzjoni tieghu. Il-konvenuta llimitat ruhha biex tipprezenta dokument stampat u ntestat *Incident Report: Mein Schiff 3, 28.08.14*. Rapport li m'huwiex konfermat bil-gurament u fejn l-awtur tieghu ma xehedx. Ghalkemm xehed ukoll Costantino Muscat, li l-qorti fehemet li hu ufficjal tas-socjeta konvenuta, jidher li 'l ftit li qal hu bazat fuq dak li jinghad fl-imsemmi rapport. Mis-sentenza hu evidenti li t-Tribunal ma kienx sodisfatt li dak ir-rapport seta' jinghata piz meta l-awtur tieghu ma xehedx. Konkluzjoni li t-Tribunal kellu kull dritt li jaghmel, meqjus ukoll li d-dokument ma jaghmilx prova tal-kontenut tieghu. Wara kollox ir-raguni wkoll tghidlek li f'kaz li t-Tribunal ibbaza d-decizjoni fuq dak li jinghad fid-dokument, kien ifisser li l-atturi ma jkunux inghataw l-opportunita li jaghmlu domandi u jikkontrollaw x'jinghad fih. Dan iktar u iktar meta l-verzjoni li taw l-atturi hi ferm differenti minn dak li jinghad fir-rapport, u minn fejn jirrizulta xenarju ta' konfuzjoni u nuqqas ta' assistenza. L-inqas haga li kellha taghmel is-socjeta konvenuta kien li tressaq bhala xhud lil Jean Depasquale, li jidher li kien it-tour leader. Id-decizjoni li wasal ghaliha t-Tribunal hi bazata fuq ix-xiehda li tressqet u a bazi tal-provi li tressqu t-Tribunal kellu kull dritt li jemmen il-verzjoni li taw l-atturi.

(c) dwar id-danni likwidati, il-qorti ma tara xejn inkonsistenti meta tqies l-ispiza tal-*cruise* ghal tnejn min-nies u li l-excursions huma aspett importanti tal-vjagg, ghal min jaghzilhom. Inoltre, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jikkontempla wkoll il-possibilta' li jinghataw danni morali sas-somma ta' €500: *"ghal kull hsara, deni, ansjeta' u inkonvenjenza"*, u fil-kaz in ezami kien altru milli gustifikati li kull persuna li pproponiet il-kawza tinghata wkoll hlas ghad-danni morali. Il-qorti ma tqiesx eccessiva s-somma ta' €450 ghal kull passiggier li kellu jghaddi minn din l-esperjenza hekk qarsa.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-ewwel aggravju tal-appell.**
2. **Tichad il-kumplament tal-aggravji tal-appell.**

**Spejjez a karigu tal-appellanti**.

Anthony Ellul.